MINUTI

**Laqgħa b'urġenza Nru 66/2023-8**

**L-Erbgħa, 22 ta' Frar 2023**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' wara filgħaxija.

**PREŻENTI :**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

66.1 Approvazzjoni ta' l-*Unaudited Financial Statements 2022*

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini.

Is-Sindku spjegat li din il-laqgħa qiedgħa ssir peress li l-Kunsill għandu *deadline* sa' l-24 ta' Frar 2023 sabiex jibgħat il-Financial Statements approvati lil NAO, l-Awdituri u lid-DLG.

L-Accountant tal-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f'din il-laqgħa billi jagħti spjegazzjoni ta' l-*unaudited Financial Statements 2022* permezz ta' MS Teams.

L-Accountant qal li l-Kunsill kellu dħul fuq natura kurrenti ta' €766,000 li l-maġġoranza kienet mill-allokazzjoni, waqt li ħruġ kellu €793,000 għaldaqstant il-Kunsill jinsab b'*deficit* ta' €26,400.

Spjega li d-dħul ġej mill-allokazzjoni b'żieda ta' €10,000 fuq is-sena 2021 b'total ta' €610,000. Il-Kunsill prova jġib sorsi oħra ta' dħul mill-gvern permezz ta' skemi b'ammont ta' €99,000.

Żied jgħid li din is-sena l-Kunsill kellu żieda fil-pagi minħabba ż-żieda fil-ħaddiema u l-ftehim kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi li kellhom jingħataw bl-arrettrati. In-nefqa minn €134,000 fis-sena 2021 telgħu għal €170,000 fis-sena 2022. Rigward spejjes fil-lokalita' l-Kunsill għamel nefqa ta' €274,000 fis-sena 2022 waqt li fis-sena 2021 nefaq €270,000. Qal li l-Kunsill nefaq il-flus speċjalment fuq il-manteniment ta' ġonna pubbliċi u tiswija tad-dawl tat-toroq. Spejjes amministrattivi nefaq ammont sostanzjali b'kuntrarju mas-sena ta' qabel u dan minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija fuq attivitajiet kulturali fejn il-maġġoranza ġew jew ser jiġu *refunded* mid-DLG u l-Gozo Cultural Fund. Ikkonkluda li dik kienet is-sitwazzjoni rikorrenti tal-Kunsill.

Rigward is-sitwazzjoni akkumulata qal li l-Kunsill jinsab b'*deficit* ta' €70,000. Qal li dan il-ammont l-Kunsill wasal għalih wara li ddaħlu l-fatturi tal-proġetti kapitali li saru li anke ta' proġetti li għandhom jinġabru l-fondi għalihom mill-PA. Spjega li sa l-aħħar tas-sena l-Kunsill kellu jiġbor kważi €400,000 u li l-Kunsill għandu jara li dawn jinġabru matul is-sena 2023. Kompla jgħid li importanti li l-Kunsill joqgħod ftit

lura minn nefqa tiegħu anke x'ħin iħejji l-budget.  Għalaq billi qal illi l-Kunsill qiegħed b'FSI ta' -12%.
Wara din l-ispjegazzjoni dettaljata, is-Sindku rringrazzjat lil accountant ta' l-ispjega tiegħu.
Il-membri tal-Kunsill approvaw dawn l-*unaudited financial statements.*

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv